Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 29 ta' Lulju 2021**
**(OR. en)**

**11109/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0242(COD)**

**PECHE 272**
**CODEC 1133**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' Lulju 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 424 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 424 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 424 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2021
COM(2021) 424 final

2021/0242 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jistabbilixxi miżuri ta’ konservazzjoni u ta’ ġestjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar

MT MT

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

L-għan ta’ din il-proposta huwa li fid-dritt tal-UE jiġu implimentati l-miżuri rilevanti ta’ kontroll, konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT). Is-CCSBT hija l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO) responsabbli għall-ġestjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (*Thunnus maccoyii* – SBF) permezz taż-żona ta’ distribuzzjoni tagħha. Is-CCSBT għandha mandat biex tadotta miżuri ta’ konservazzjoni u infurzar għas-sajd taħt il-kompetenza tagħha, u dawn jorbtu lill-partijiet kontraenti tagħha.

Il-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (il-Konvenzjoni) ma tipprevedix l-adeżjoni ta’ organizzazzjonijiet reġjonali ta’ integrazzjoni ekonomika, bħall-UE. Sabiex tiġi promossa l-kooperazzjoni fil-konservazzjoni u fil-ġestjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar, is-CCSBT ħolqot il-Kummissjoni Estiża għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (il-Kummissjoni Estiża), li fiha l-UE tista’ tipparteċipa bħala membru. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni Estiża jsiru deċiżjonijiet tas-CCSBT fl-aħħar tas-sessjoni tal-laqgħa annwali li għaliha jkunu ġew irrapportati, sakemm is-CCSBT ma tiddeċidix bil-kontra, ħaġa li sal-lum għadha qatt ma ġrat.

Skont l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 8(7) tal-Konvenzjoni, ikkumplimentati mill-paragrafu 6 tar-Riżoluzzjoni CCSBT biex tiġi stabbilita Kummissjoni Estiża u Kumitat Xjentifiku Estiż, il-membri tal-Kummissjoni Estiża għandhom l-istess obbligi bħall-membri tas-CCSBT; għalhekk iridu jikkonformaw mad-deċiżjonijiet tas-CCSBT u jikkontribwixxu finanzjarjament għaliha. L-UE ilha membru tal-Kummissjoni Estiża mill-2015.

Għall-kuntrarju ta’ RFMOs oħrajn li fihom tipparteċipa l-UE, l-UE ma għandha l-ebda bastiment tas-sajd li jistad għat-Tonna tan-Nofsinhar u rrapportat biss qabdiet inċidentali aċċidentali ta’ din l-ispeċi fil-passat u xejn mill-2012. Madankollu, għadu xieraq li jkun hemm konformità mal-miżuri tas-CCSBT li huma relatati mal-attivitajiet u mal-karatteristiċi tal-flotta tal-UE u mal-kummerċ tat-Tonna tan-Nofsinhar.

Iż-żona tad-distribuzzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar, fejn huwa magħruf li tgħix din l-ispeċi, tikkoinċidi maż-żoni tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan[1], mal-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent[2] u mal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku[3]. Il-flotta tas-sajd bil-konz tal-UE li tistad għat-tonn tropikali u għal speċijiet simili għat-tonn, irrapportat qabdiet inċidentali limitati tat-Tonna tan-Nofsinhar f’dawn iż-żoni.

Il-Kummissjoni, f’isem l-Unjoni, tfassal linji gwida ta’ negozjar ibbażati fuq parir xjentifiku u mandat ta’ 5 snin stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill. Skont il-mandat, dawn il-linji gwida jiġu ppreżentati, diskussi u approvati fil-grupp ta’ ħidma tal-Kunsill; dawn jiġu aġġustati

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE tat-18 ta’ Settembru 1995 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (ĠU L 326, 5.10.1995, p. 24).

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE tas-26 ta’ April 2004 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta’ Stokkijiet ta’ Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta’ Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

ulterjorment, sabiex jitqiesu l-iżviluppi f'ħin reali, waqt laqgħat ta' koordinazzjoni mal-Istati Membri fil-marġini tal-laqgħat annwali tad-CCSBT. Il-laqgħat annwali tad-Delegazzjoni tal-Unjoni għas-CCSBT ilaqqgħu flimkien lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lir-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati.

Il-miżuri kollha tas-CCSBT jiġu adottati b'kunsens. Is-CCSBT ma għandhiex proċedura ta' oġġezzjoni fis-seħħ.

Għalkemm immirati primarjament lejn il-partijiet kontraenti, il-miżuri tas-CCSBT jimponu wkoll obbligi fuq l-operaturi (eż. il-kaptani tal-bastimenti).

Din il-proposta hija limitata għall-miżuri tas-CCSBT li japplikaw għall-Unjoni, b'kont meħud tal-ispeċifiċità u tal-attivitajiet tal-flotta tagħha (l-ebda sajd immirat, esklussivament qabdiet inċidentali aċċidentali fil-passat iżda l-ebda qabda irrapportata reċentement, l-ebda trażbord jew ħatt l-art) u għall-kummerċ fit-tonna tan-Nofsinhar, kif emendat fil-laqgħat annwali tas-CCSBT. L-Unjoni trid tiżgura l-konformità ma' dawn il-miżuri, li huma obbligi internazzjonali, hekk kif jidħlu fis-seħħ. Din il-proposta hija għalhekk imfassla biex timplimenta l-aktar verżjoni riċenti tal-miżuri tas-CCSBT u biex tistabbilixxi mekkaniżmu għall-implimentazzjoni tagħhom fil-futur. Fil-prattika, il-biċċa l-kbira tal-obbligi se jiġu skattati biss jekk il-flotta tal-Unjoni, b'mod aċċidentali, tagħmel qabdiet inċidentali tat-tonna tan-Nofsinhar, ħaġa li ilha ma sseħħ mill-2012, u żżomm dak il-ħut abbord, xi ħaġa li sal-lum qatt ma ġiet irrapportata.

Il-proċess tal-implimentazzjoni tal-miżuri adottati mill-RFMOs fid-dritt tal-UE, mill-ewwel abbozz ta' proposta tal-Kummissjoni sal-adozzjoni ta' att finali mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew, jieħu medja ta' 18-il xahar. Is-setgħat delegati jiżguraw li l-Unjoni tkun tista' timplimenta malajr miżuri li se jkunu ta' benefiċċju għall-flotta tal-UE, itejbu l-kundizzjonijiet ekwi u jappoġġaw ulterjorment il-ġestjoni sostenibbli fit-tul tal-istokkijiet.

Din il-proposta tipprevedi l-għoti ta' setgħat delegati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, biex jiġu indirizzati emendi għall-miżuri tal-CCSBT u jiġi żgurat li l-bastimenti tas-sajd tal-UE jkunu fuq l-istess livell ta' dawk ta' partijiet kontraenti oħra. Eżempji ta' dawn il-miżuri huma: ir-Reġistru tal-Bastimenti Awtorizzati biex Jistadu għat-Tonna tan-Nofsinhar tas-CCSBT; l-allinjament tal-miżuri tas-CCSBT Marbutin mal-Ispeċijiet Relatati Ekoloġikament ma' dawk ta' RFMOs għat-tonn oħrajn; u l-iskadenzi tar-rapportar.

L-iskadenzi tar-rapportar stabbiliti f'din il-proposta huma bbażati fuq l-iskadenzi fil-miżuri tas-CCSBT, sabiex l-UE tkun tista' tagħmel sottomissjonijiet f'waqthom tar-rapporti lis-Segretarjat tas-CCSBT.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-politika**

Din il-proposta tikkomplementa, u hija konsistenti ma' dispożizzjonijiet oħrajn tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam. Madankollu, f'ċerti każijiet jiġu stabbiliti derogi minn atti eżistenti minħabba n-natura tal-miżuri aktar speċifiċi proposti.

Din il-proposta hija konformi mal-Parti VI (Politika Esterna) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)[4]. Din tipprevedi li l-Unjoni twettaq is-sajd estern tagħha f'konformità mal-obbligi internazzjonali tagħha, tibbaża l-attivitajiet tas-

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

sajd tagħha fuq il-kooperazzjoni reġjonali dwar is-sajd u titlob lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd biex tiżgura l-konformità.

Il-proposta tikkomplementa r-Regolament (UE) 2017/2403[5] dwar il-ġestjoni tal-flotta esterna, li jipprevedi li l-bastimenti tas-sajd tal-UE jkunu soġġetti għal-lista ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd skont il-kundizzjonijiet u r-regoli tal-RFMO inkwistjoni, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008[6] dwar is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

Din il-proposta ma tkoprix l-opportunitajiet tas-sajd għall-UE, kif deċiż mill-CCSBT. Skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE, hija l-prerogattiva tal-Kunsill li jadotta miżuri dwar il-prezzijiet, l-imposti, l-għajnuna u l-limitazzjonijiet kwantitattivi, u dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 43(2) tat-TFUE minħabba li tistabbilixxi dispożizzjonijiet li huma meħtieġa biex jiġu segwiti l-objettivi tal-PKS.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenzi mhux esklużivi)**

Peress li l-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni (l-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE), il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta se tiżgura li d-dritt tal-Unjoni jkun konformi mal-obbligi internazzjonali adottati mill-CCSBT u li l-UE tikkonforma mad-deċiżjonijiet meħuda minn RFMO li hija parti kontraenti għaliha. Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument magħżul huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- • **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux rilevanti.

---

5 Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġu implimentati miżuri tas-CCSBT fid-dritt tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-membri tal-Kummissjoni Estiża. L-esperti nazzjonali u r-rappreżentanti tal-industrija huma kkonsultati kemm matul it-tħejjija għal-laqgħat annwali tal-CCSBT li fihom jiġu adottati l-miżuri kif ukoll matul in-negozjati kollha fil-laqgħat. Konsegwentement, ma kienx ikkunsidrat meħtieġ li ssir konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar din il-proposta.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux rilevanti. Dan jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-miżuri direttament applikabbli fl-Istati Membri.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta mhijiex relatata mar-REFIT.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tkopri d-dispożizzjonijiet tas-CCSBT applikabbli għall-UE, b'kont meħud tal-ispeċifiċità tal-flotta tal-UE (l-ebda sajd immirat, esklussivament qabdiet inċidentali aċċidentali u l-ebda qabda rrapportata reċentement, l-ebda trażbord jew ħatt l-art) u l-kummerċ fit-tonna tan-Nofsinhar. Fil-prattika, il-biċċa l-kbira tal-obbligi se jiġu skattati biss jekk il-flotta tal-UE, b'mod aċċidentali, tagħmel qabdiet inċidentali tat-tonna tan-Nofsinhar, li ilu ma jseħħ mill-2012, u żżomm dak il-ħut abbord, xi ħaġa li sal-lum qatt ma ġiet irrapportata. Id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu s-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet tal-proposta.

Is-sajd għat-tonna tan-Nofsinhar huwa pprojbit, b'qabdiet inċidentali biss li huma permessi. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistgħu jagħmlu qabdiet inċidentali tal-ispeċijiet għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-bastimenti tac-CCSBT.

Il-proposta timplimenta l-iskema ta' dokumentazzjoni tal-qbid (CDS) tas-CCSBT. Il-qabdiet inċidentali tat-Tonna tan-Nofsinhar għandhom jiġu ttikkettati b'formoli ta' tikkettar tal-qabdiet, filwaqt li d-dokumenti tal-importazzjoni, tal-esportazzjoni u tar-riesportazzjoni huma obbligatorji għall-kummerċ tat-tonna tan-Nofsinhar.

Id-dokumenti ta' monitoraġġ tal-qabdiet u l-formoli tat-tikkettar għandhom jiġu vvalidati u vverifikati mill-Istati Membri tal-bandiera. Il-proposta timplimenta wkoll id-dispożizzjonijiet tas-CCSBT dwar ir-rieżamijiet u l-investigazzjonijiet relatati mas-CDS u ż-żamma tar-rekords tas-CDS.

It-trażbordi kollha tat-Tonna tan-Nofsinhar għandhom isiru fil-portijiet. Hemm obbligu li t-trażbordi jiġu nnotifikati u li jintużaw id-dikjarazzjonijiet tat-trażbord.

Il-proposta timplimenta d-dmir ta' kooperazzjoni fil-forniment tad-*data* tal-bastimenti tas-sajd għal: l-investigazzjoni tal-inċidenti; il-kooperazzjoni relatata mal-inklużjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni fuq il-lista ta' bastimenti Illegali, Mhux Irrappurtati u Mhux Irregolati (IUU) tas-CCSBT; każijiet irrapportati ta' nonkonformità; ksur tal-ispezzjoni fil-port.

Il-proposta timplimenta wkoll dmirijiet relatati mar-rapporti tal-qabdiet ta' kull xahar, u mar-rapportar annwali u dwar il-konformità.

Is-setgħat delegati elenkati fil-proposta jinkludu bidliet fl-informazzjoni pprovduta għar-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tas-CCSBT, il-limiti ta' żmien u perjodi relatati ma':

- ir-rapportar għall-formoli tat-tikkettar tal-qabdiet;
- iż-żamma tad-dokumenti tas-CDS, u n-notifika tat-trażbordi;
- dikjarazzjonijiet ta' trażbord;
- l-għoti tal-informazzjoni dwar il-lista ta' bastimenti IUU u r-rapporti ta' investigazzjoni lill-Kumitat ta' Konformità tas-CCSBT;
- informazzjoni dwar il-punt ta' kuntatt għall-ispezzjonijiet fil-port, u n-notifika tad-dewmien fir-rapport tal-ispezzjoni;
- ir-rapportar ta' perjodi ta' qabdiet inċidentali; u
- l-iskadenzi għas-sottomissjoni tar-rapporti annwali.

2021/0242 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1]

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-objettiv tal-Politika Komuni tas-Sajd ("PKS"), kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], huwa li jiġi żgurat li l-isfruttament tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jikkontribwixxi għal sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali fit-tul.

(2) L-Unjoni Ewropea approvat, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE[3], il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar. Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/441/KE, l-Unjoni approvat il-Ftehim għall-Implimentazzjoni ta' dik il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna[4], li fihom prinċipji u regoli fir-rigward tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar. Fil-kuntest tal-obbligi internazzjonali aktar ġenerali tagħha, l-Unjoni tieħu sehem fl-isforzi li jsiru fl-ibħra internazzjonali għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut.

(3) Il-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar ("il-Konvenzjoni"), li stabbiliet il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar ("CCSBT" - Commission for the Conservation of Southern Bluefin Tuna) ma tipprevedix l-

[1] ĠU

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE tat-8 ta' Ġunju 1998 dwar ir-ratifika mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim sabiex jimplimenta d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li għandha x'taqsam mal-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' l-stokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat ta' l-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14.).

adeżjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika, bħall-Unjoni. Sabiex tiġi promossa l-kooperazzjoni fil-konservazzjoni u fil-ġestjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar ("SBF" - southern Bluefin Tuna), is-CCSBT ħolqot il-Kummissjoni Estiża għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (il-"Kummissjoni Estiża"), li fiha l-Unjoni tista' tipparteċipa bħala membru. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni Estiża jsiru deċiżjonijiet tas-CCSBT fi tmiem is-sessjoni tal-laqgħa li għaliha ġew irrapportati, sakemm is-CCSBT ma tiddeċidix bil-kontra. Il-membri tal-Kummissjoni Estiża għandhom l-istess obbligi bħall-membri tas-CCSBT, inkluża l-konformità mad-deċiżjonijiet tas-CCSBT u l-għoti ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji lis-CCSBT.

(4) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2437[5], l-Unjoni hija membru tal-Kummissjoni estiża.

(5) Is-CCSBT tadotta miżuri annwali ta' konservazzjoni u ġestjoni permezz ta' riżoluzzjonijiet li huma vinkolanti fuq il-membri tal-Kummissjoni Estiża, inkluż fuq l-Unjoni.

(6) Għall-kuntrarju ta' Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd ("RFMOs") li fihom tipparteċipa l-Unjoni, l-Unjoni ma għandha l-ebda bastiment tas-sajd li jistad għat-Tonna tan-Nofsinhar u rrapportat biss qabdiet inċidentali aċċidentali ta' din l-ispeċi fil-passat u xejn mill-2012. Madankollu, għadu xieraq li l-Unjoni tikkonforma mal-miżuri rilevanti ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mis-CCSBT relatati mal-attivitajiet u mal-karatteristiċi tal-flotta tal-Unjoni u fir-rigward tal-kummerċ tat-tonna tan-Nofsinhar.

(7) Iż-żona tad-distribuzzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar tikkoinċidi mal-oqsma tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan, il-Kummissjoni għat-Tonna tal-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent u l-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, fejn il-flotta tas-sajd bil-konz tal-Unjoni li tistad għat-tonn tropikali u speċijiet simili għat-tonn irrapportat ammonti limitati ta' qabdiet inċidentali tat-Tonna tan-Nofsinhar fil-passat.

(8) Dan ir-Regolament jimplimenta r-riżoluzzjonijiet rilevanti tas-CCSBT, adottati sal-2020, ħlief għall-miżuri li diġà jiffurmaw parti mid-dritt tal-Unjoni. Dan ir-Regolament ikopri biss id-dispożizzjonijiet tas-CCSBT applikabbli għall-Unjoni, b'mod partikolari b'kont meħud tal-ispeċifiċità tal-flotta tal-Unjoni (l-ebda sajd immirat, esklussivament qabdiet inċidentali aċċidentali fil-passat u xejn mill-2012, l-ebda trażbord jew ħatt l-art) u l-kummerċ tat-tonna tan-Nofsinhar. Fil-prattika, il-biċċa l-kbira tal-obbligi se jiġu skattati biss jekk il-flotta tal-Unjoni aċċidentalment tagħmel qabdiet inċidentali tat-tonna tan-Nofsinhar, li ilha ma sseħħ mill-2012, u żżomm dak il-ħut abbord, xi ħaġa li sal-lum qatt ma ġiet irrapportata.

(9) Biex tiġi żgurata l-konformità mal-PKS, ġiet adottata leġiżlazzjoni tal-Unjoni biex tistabbilixxi sistema tal-Unjoni għall-kontroll, għall-ispezzjoni u għall-infurzar, li tinkludi l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux regolat (IUU). B'mod partikolari, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[6] jistabbilixxi sistema tal-

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2437 tal-14 ta' Diċembru 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) li jikkonċerna l-istatus ta' Membru tal-Unjoni bħala Membru fil-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (ĠU L 366, 23.12.2015, p. 27).

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru

Unjoni għall-kontroll, għall-ispezzjoni u għall-infurzar b'approċċ globali u integrat biex jiżgura l-konformità mar-regoli kollha tal-PKS. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011[7] jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008[8] jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. Dawk ir-regolamenti diġà jinkludu dispożizzjonijiet li jkopru għadd ta' miżuri stabbiliti fir-riżoluzzjonijiet tal-CCSBT. Għalhekk, dawk id-dispożizzjonijiet ma hemmx bżonn li jiddaħħlu f'dan ir-Regolament.

(10) F'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pożizzjonijiet tal-Unjoni f'RFMOs għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi tas-sajd jiġu ġestiti f'konformità mal-objettivi tal-PKS, b'mod partikolari bl-objettiv li progressivament jiġu restawrati u miżmuma popolazzjonijiet ta' stokkijiet tal-ħut 'il fuq mil-livelli tal-bijomassa li kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli ("MSY" - maximum sustainable yield), u bl-objettiv li jiġu pprovduti kundizzjonijiet għall-industrija tal-qbid u l-ipproċessar tas-sajd ekonomikament vijabbli u kompetittivi u attività relatata mas-sajd ibbażata fuq l-art.

(11) Sabiex jiġu inkorporati malajr il-miżuri futuri tas-CCSBT fid-dritt tal-Unjoni, is-setgħa li l-atti jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-informazzjoni prevista fir-Rekord tal-Bastimenti tas-CCSBT, u l-limiti taż-żmien jew il-perjodi relatati mar-rapportar għall-formoli tat-tikkettar tal-qabdiet, iż-żamma tad-dokumenti tas-CDS, it-trażmissjoni tan-notifiki u tad-dikjarazzjonijiet tat-trażbord, it-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-Kumitat ta' Konformità tas-CCSBT dwar il-lista ta' bastimenti tal-IUU u r-rapporti ta' investigazzjoni, it-trażmissjoni u t-trażmissjoni tan-notifika tad-dewmien fis-sottomissjoni tar-rapporti ta' spezzjoni fil-port, it-trażmissjoni tar-rapport dwar il-qabdiet inċidentali, u l-iskadenzi għas-sottomissjoni tar-rapporti annwali.

(12) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] u ta l-opinjoni tiegħu fuq … .

(13) B'mod partikolari huwa importanti li waqt il-ħidma preparatorja, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawn il-

---

768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

7 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

8 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

9 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[10]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom sistematikament ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jindirizzaw it-tħejjija ta' atti delegati.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*
*Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll relatati mal-qabdiet inċidentali tat-Tonna tan-Nofsinhar (*Thunnus maccoyii*) skont il-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar.

*Artikolu 2*
*Kamp ta' applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fiż-żona tad-distribuzzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar skont il-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar u għall-Istati Membri li jimportaw, jesportaw jew jagħmlu riesportazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar.

*Artikolu 3*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "CCSBT" tfisser il-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar;

(b) "SBF" tfisser it-Tonna tan-Nofsinhar jew prodotti tal-ħut li joriġinaw mit-Tonna tan-Nofsinhar;

(c) "Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar;

(d) "Reġistru tal-Bastimenti tas-CCSBT" ifisser ir-reġistru tal-bastimenti stabbilit mis-CCSBT awtorizzati biex jistadu għall-SBF jew biex jagħmlu qabdiet inċidentali tagħha;

(e) "bastiment tas-sajd tal-Unjoni" tfisser kwalunkwe bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru, li jintuża jew li huwa maħsub biex jintuża għall-iskopijiet ta' sfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, inklużi bastimenti ta' sostenn, bastimenti għall-ipproċessar tal-ħut, bastimenti involuti fit-trażbord u bastimenti tal-ġarr mgħammrin għat-trasport ta' prodotti tas-sajd, ħlief għall-bastimenti tal-kontejners;

(f) "Trasbord" tfisser il-ħatt tal-ħut kollu jew ta' kwalunkwe prodott tas-sajd abbord bastiment tas-sajd għal bastiment tas-sajd ieħor;

(g) "Tikketta tal-SBF" tfisser tikketta esterna mwaħħla mal-SBF kollu li jkun fiha informazzjoni dwar il-ħuta individwali;

[10] Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

(h) “CDS tas-CCSBT” tfisser l-iskema speċifika ta’ dokumentazzjoni tal-qbid għall-SBF stabbilita mis-CCSBT li tinkludi l-formola tal-monitoraġġ tal-qbid, il-formola tat-tikkettar tal-qabda u l-formola tal-esportazzjoni jew tar-riesportazzjoni;

(i) “Formola ta’ monitoraġġ tal-qbid” tfisser id-dokument tas-CDS li jirreġistra informazzjoni dwar il-qbid, it-trażbord, l-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-SBF;

(j) “Formola tat-tikkettar tal-qabda” tfisser id-dokument tas-CDS li jirreġistra informazzjoni dwar il-ħut individwali ttikkettat;

(k) “Importazzjoni” tfisser l-introduzzjoni tal-SBF fit-territorju tal-Unjoni, inkluż għal finijiet ta’ trażbord f’portijiet fit-territorju tagħha;

(l) “Formola tal-esportazzjoni jew tar-riesportazzjoni” tfisser id-dokument tas-CDS li jkun fih informazzjoni dwar l-SBF diġà traċċata fuq il-formola ta’ monitoraġġ tal-qbid ta’ importazzjoni li tkun, kompletament jew parzjalment, esportata jew riesportata;

(m) “Esportazzjoni” tfisser kwalunkwe moviment lejn pajjiż terz tal-SBF maqbud mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni;

(n) “Riesportazzjoni” tfisser kwalunkwe moviment mit-territorju tal-Unjoni ta’ SBF li kien importat preċedentament fit-territorju tal-Unjoni;

(o) “SBF sħiħ” tfisser SBF li ma jkunx ġie ffilettjat jew maqsum f’lojns;

(p) “SBF ipproċessat” tfisser SBF li jkun għadda mit-tindif, mit-tneħħija tal-garġi u tal-imsaren, l-iffriżar, it-tneħħija tax-xewk, l-operkuli (skwami/għotjien tal-garġi) u d-denb u mit-tneħħija tar-ras jew ta’ partijiet mir-ras;

(q) “Partijiet tal-SBF minbarra l-laħam” tfisser ir-ras, l-għajnejn, il-bajd, l-imsaren u d-denb;

(r) “Segretarjat tas-CCSBT” tfisser is-Segretarjat stabbilit mis-CCSBT;

(s) “Dikjarazzjoni tat-Trażbord tas-CCSBT” tfisser l-Anness I tar-Riżoluzzjoni tas-CCSBT dwar l-Istabbiliment ta’ Programm għat-Trażbord minn Bastimenti tas-Sajd fuq Skala Kbira[11];

(t) “Miżuri ta’ konservazzjoni u ta’ ġestjoni tas-CCSBT” tfisser ir-riżoluzzjonijiet u miżuri vinkolanti oħra adottati mis-CCSBT;

(u) “Rapport sommarju annwali tal-VMS” tfisser id-dokument tal-Hemża A tas-CCSBT-CC/0910/06 fejn tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti tal-VMS[12];

(v) “Kumitat ta’ Konformità tas-CCSBT” tfisser il-korp sussidjarju tas-CCSBT li jimmonitorja, jirrieżamina u jivvaluta l-konformità mal-miżuri ta’ konservazzjoni u ta’ ġestjoni tas-CCSBT;

(w) “Abbozz tal-lista ta’ bastimenti IUU tas-CCSBT” tfisser il-lista inizjali mfassla mis-Segretarjat tas-CCSBT.

[11] https://www.ccsbt.org/sites/default/files/userfiles/file/docs_english/operational_resolutions/Resolution_Transhipment.pdf

[12] https://www.ccsbt.org/en/system/files/resource/en/4d9169c192044/cc06.pdf

*Artikolu 4*
*Projbizzjoni ġenerali fuq l-immirar tal-SBF*

L-immirar tal-SBF mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandu jkun ipprojbit. Kwalunkwe SBF miżmum abbord il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandu jammonta esklussivament għall-qabdiet inċidentali.

*Artikolu 5*
*Reġistru tal-bastimenti tas-CCSBT*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull bastiment tas-sajd tal-Unjoni awtorizzat mill-Istati Membri tal-bandiera biex il-qabda inċidentali tal-SBF tiġi inkluża fir-Reġistru tal-Bastimenti tas-CCSBT:

   (a) In-numru ta' Lloyds/tal-OMI;

   (b) isem il-bastiment(i), in-numru/numri fir-reġistru;

   (c) l-isem/ismijiet preċedenti (jekk ikun hemm);

   (d) il-bandiera/bnadar preċedenti (jekk ikun hemm);

   (e) id-dettalji tat-tħassir preċedenti minn reġistri oħrajn (jekk ikun hemm);

   (f) is-sinjal(i) internazzjonali tas-sejħa bir-radju (jekk ikun hemm);

   (g) tip ta' bastiment(i), tul totali u tunnellaġġ gross reġistrat (GRT);

   (h) l-isem u l-indirizz tas-sid(ien);

   (i) l-isem u l-indirizz ta' l-operatur(i);

   (j) l-irkaptu/irkapti użat(i); u

   (k) il-perjodu ta' żmien awtorizzat għas-sajd u/jew għat-trażbord tal-SBF.

2. Għandu jkun ipprojbit li l-SBF tinżamm abbord, tiġi trażbordata jew esportata mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma jkunux inklużi fir-Reġistru tal-Bastimenti tas-CCSBT.

3. L-Istati Membri għandhom jindikaw, meta jissottomettu l-lista ta' bastimenti tagħhom skont il-paragrafu 1, dawk il-bastimenti li jkunu għadhom kif ġew miżjuda u dawk li jissostitwixxu l-bastimenti li bħalissa jinsabu fuq il-lista.

4. Kull Stat Membru għandu jinnotifika immedjatament lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika fl-informazzjoni pprovduta taħt il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-CCSBT mingħajr dewmien.

5. Meta bastiment tas-sajd tal-Unjoni jkun ġie involut f'attivitajiet tas-sajd tal-IUU, Stat Membru jista' jibgħat biss lill-Kummissjoni l-informazzjoni tal-paragrafu 1 wara li jirċievi impenn suffiċjenti mis-sid tal-bastiment ikkonċernat li mhux se jibqa' jwettaq tali attivitajiet.

*Artikolu 6*
*Tikkettar tal-SBF*

1. Meta l-SBF li tinqabad bħala qabda inċidentali mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni tkun maħsuba għall-esportazzjoni jew għar-riesportazzjoni, għandha titwaħħal tikketta tal-SBF ma' kull SBF sħiħa fil-ħin tal-ħsad. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta tikketta tinqala' bi żball u ma tkunx tista' terġa' titwaħħal, għandha titwaħħal tikketta

ta' sostituzzjoni mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-ħin tat-trażbord jew tal-esportazzjoni.

2. L-SBF sħiħa mhux ipproċessata ma tistax tiġi importata, esportata, jew riesportata mingħajr tikketta tal-SBF ħlief fejn it-tikketta ma tkunx għadha meħtieġa minħabba li jkun seħħ aktar ipproċessar.

3. It-tikketta tal-SBF għandha titwaħħal ma' kull ħuta individwali waqt li l-karkassa tal-ħuta tibqa' sħiħa u għandha tinkludi x-xahar, iż-żona, il-metodu tal-qbid, u l-piż u t-tul għal kull SBF.

4. Kull tikketta tal-SBF għandu jkollha numru uniku tat-tikketta rreġistrat minn qabel f'forma li tinqara faċilment li għandu jinkludi identifikatur uniku tal-Istat tal-bandiera u identifikatur tas-sena tas-sajd. It-tikketti tal-SBF għandhom ikunu jistgħu jintrabtu b'mod sod mal-SBF, ma jkunx jistgħu jerġgħu jintużaw, ma jkunux jistgħu jiġu mbagħbsa u jkunu sikuri mill-falsifikazzjoni jew mir-replikazzjoni. It-tikketti tal-SBF għandhom ikunu jifilħu mill-anqas għal temperaturi ta' sittin grad Celsius taħt iż-żero, għall-ilma baħar, għal immaniġġar goff u jkunu sikuri għall-ikel.

5. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jirreġistraw id-distribuzzjoni tat-tikketti tal-SBF lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u għandhom jiżguraw li l-bastimenti u l-operaturi tagħhom, u l-awtoritajiet rilevanti jkollhom proċeduri u formati ta' rapportar li jippermettu l-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa dwar it-tikkettar.

*Artikolu 7*
*Formoli tat-tikkettar tal-qabdiet*

1. Meta l-SBF li tinqabad bħala qabda inċidentali mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni tkun maħsuba għall-esportazzjoni jew għar-riesportazzjoni, għandha timtela formola tat-tikkettar tal-qabda kemm jista' jkun malajr wara l-ħsad ta' SBF individwali. Il-kejl tat-tul u tal-piż għandu jsir qabel ma l-SBF tiġi ffriżata.

2. Meta l-kejl ma jkunx jista' jsir b'mod preċiż abbord il-bastiment, il-kejl u l-formola assoċjata tat-tikkettar tal-qabdiet ikunu jistgħu jsiru fil-ħin tat-trażbord, u fi kwalunkwe każ qabel kwalunkwe trasferiment ulterjuri tal-SBF.

3. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jipprovdu l-formoli tat-tikkettar tal-qabdiet kompluti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-bandiera. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-informazzjoni fil-formoli tat-tikkettar tal-qabdiet lill-Kummissjoni kull tliet xhur. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-CCSBT mingħajr dewmien.

*Artikolu 8*
*Il-kummerċ tal-SBF*

1. L-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u r-riesportazzjonijiet kollha ta' SBF għandhom ikunu akkumpanjati bid-dokumenti u t-tikketti tas-CDS tas-CCSBT, kif xieraq, kif previst f'dan ir-Regolament.

2. L-importazzjoni, l-esportazzjoni u r-riesportazzjoni ta' partijiet tal-SBF għajr il-laħam huma permessi mingħajr il-formola tal-esportazzjoni jew tar-riesportazzjoni, kif xieraq.

*Artikolu 9*
*L-importazzjonijiet tal-SBF fl-Unjoni*

1. L-SBF importat fl-Unjoni għandu jkun akkumpanjat biċ-ċertifikat tal-qabda stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 u mill-formola tal-esportazzjoni jew tar-riesportazzjoni, kif xieraq.

2. L-Istati Membri ma għandhom jaċċettaw l-ebda kunsinna ta' SBF għall-importazzjoni li ma tkunx akkumpanjata mid-dokumenti u t-tikketti tas-CDS tas-CCSBT meħtieġa, kif xieraq.

3. Kunsinni sħaħ jew parzjali ta' SBF sħiħa mhux ipproċessata u mhux ittikkettata ma għandhomx jiġu aċċettati għall-importazzjoni.

*Artikolu 10*
*L-esportazzjonijiet jew ir-riesportazzjonijiet tal-SBF*

1. Mingħajr preġudizzju għall-validazzjoni tal-esportazzjoni tal-qabdiet magħmula mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008, l-esportazzjonijiet jew ir-riesportazzjonijiet tal-SBF mill-Istati Membri għandhom ikunu akkumpanjati mill-formola tal-esportazzjoni jew tar-riesportazzjoni, kif xieraq.

2. L-Istati Membri ma għandhom jivvalidaw l-ebda kunsinna ta' SBF għall-esportazzjoni jew għar-riesportazzjoni li ma tkunx akkumpanjata mid-dokumenti u mit-tikketti tas-CDS tas-CCSBT, kif xieraq.

3. Kunsinni sħaħ jew parzjali ta' SBF sħiħa mhux ipproċessata u mhux ittikkettata ma għandhomx jiġu vvalidati għall-esportazzjoni jew għar-riesportazzjoni.

*Artikolu 11*
*Il-validazzjoni tad-dokumenti tas-CDS tas-CCSBT maħruġa mill-Istati Membri tal-bandiera jew mill-Istati Membri*

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew tal-Istat Membru, kif xieraq, għandhom jivverifikaw il-formoli ta' monitoraġġ tal-qabda, tat-tikkettar tal-qabda, tal-esportazzjoni u tar-riesportazzjoni. Ma għandhom jivvalidaw l-ebda formola jew dokument tas-CDS tas-CCSBT li mhumiex kompluti jew li għandhom informazzjoni żbaljata.

2. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti tagħhom għall-validazzjoni taċ-ċertifikati tal-qabda msemmija fil-paragrafu 1 meta dawk l-awtoritajiet ikunu differenti mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tas-CCSBT mingħajr dewmien.

3. L-Istati Membri għandhom iwettqu livell xieraq ta' awditjar, inkluż spezzjonijiet ta' bastimenti, ħatt l-art, u fejn possibbli swieq, sa fejn ikun meħtieġ biex tiġi vvalidata l-informazzjoni li tinsab fid-dokumentazzjoni tas-CDS u jirrapportaw lill-Kummissjoni d-dettalji dwar il-miżuri meħuda biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan il-paragrafu.

*Artikolu 12*
*Verifika tad-dokumenti tas-CDS tas-CCSBT riċevuti mill-Istati Membri*

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu livell xieraq ta' verifiki, inklużi spezzjonijiet ta' bastimenti, ħatt l-art, u fejn possibbli swieq, sa fejn ikun meħtieġ biex tiġi vvalidata l-informazzjoni li tinsab fid-dokumenti tas-CDS tas-CCSBT. Ma għandhom jivvalidaw l-ebda formola jew dokument tas-CDS tas-CCSBT li mhumiex kompluti jew li għandhom informazzjoni żbaljata.

2. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki tal-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jidentifikaw kull kunsinna ta' SBF importata fl-Unjoni, jew esportata jew riesportata minnha u għandhom jeżaminaw id-dokumenti tas-CDS tas-CCSBT għal kull kunsinna ta' SBF. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżaminaw ukoll il-kontenut tal-kunsinna sabiex jivverifikaw l-informazzjoni inkluża fid-dokument tas-CDS tas-CCSBT u f'dokumenti relatati u, fejn ikun meħtieġ, għandhom iwettqu l-verifiki mal-operaturi kkonċernati.

3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-dettalji dwar il-miżuri meħuda biex jiżguraw il-konformità ma' din id-dispożizzjoni.

4. Kull Stat Membru għandu, mill-aktar fis prattikabbli, jinnotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe kunsinna tal-SBF fejn ikun hemm dubji dwar l-informazzjoni inkluża fi kwalunkwe dokument tas-CDS tas-CCSBT jew dokument relatat, jew dokumenti tas-CDS tas-CCSBT mhux mimlijin, neqsin jew mhux ivvalidati. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tas-CCSBT mingħajr dewmien.

*Artikolu 13*
*Rieżami u investigazzjoni tar-rapporti tas-CDS tas-CCSBT*

1. Meta l-Kummissjoni tirċievi rapport mis-Segretarjat tas-CCSBT dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-CDS tas-CCSBT li jinkludi informazzjoni li għandha tiġi rieżaminata minn Stat Membru, hija għandha tibgħatha mingħajr dewmien lill-Istat Membru rilevanti, li għandu jirrieżamina l-informazzjoni u li għandu jinvestiga kwalunkwe irregolarità identifikata.

2. Kull Stat Membru għandu jikkoopera u jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jinvestiga l-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tas-CDS tas-CCSBT u jinnotifika lill-Kummissjoni bl-eżitu ta' kwalunkwe azzjoni bħal din.

3. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiżguraw li d-dokumenti tas-CDS tas-CCSBT ma jiġux iffalsifikati u/jew ma jkunx fihom informazzjoni ħażina.

*Artikolu 14*
*Rekords tad-dokumenti tas-CDS tas-CCSBT*

1. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dokumenti oriġinali kollha tas-CDS tas-CCSBT, jew kopji elettroniċi skennjati tad-dokumenti oriġinali, li jirċievu għal perjodu ta' tliet snin jew aktar f'konformità mar-regoli nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom iżommu wkoll kopja ta' kwalunkwe dokument tas-CDS tas-CCSBT maħruġ minnhom għal perjodu ta' tliet snin jew aktar f'konformità mar-regoli nazzjonali.

3. Kopji tad-dokumenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2, ħlief il-formola tat-tikkettar tal-qabda, għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni mingħajr dewmien biex jiġu sottomessi lis-Segretarjat tas-CCSBT sa mhux aktar tard minn tmiem it-trimestru sussegwenti wara d-data li fiha jkunu nħarġu jew ġew riċevuti.

*Artikolu 15*
*Portijiet tat-trażbord*

1. It-trażbordi kollha tal-SBF, għandhom isiru fil-port.

2. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jagħżlu portijiet tat-trażbord tal-SBF għal bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u jikkomunikaw mal-Istati tal-port magħżula biex jikkondividu l-informazzjoni rilevanti meħtieġa għal monitoraġġ effettiv.

*Artikolu 16*
*Notifika tat-trażbord*

1. Qabel it-trażbord, il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni għandu jinnotifika l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet tal-Istat tal-port, mill-inqas 48 siegħa qabel jew kif speċifikat mill-awtoritajiet tal-Istat tal-port, jew immedjatament wara t-tmiem tal-operazzjonijiet tas-sajd jekk il-ħin għall-port ikun inqas minn 48 siegħa:

(a) l-isem tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni u n-numru tiegħu fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tas-CCSBT;

(b) il-prodott tal-SBF li għandu jiġi ttrażbordat u t-tunnellaġġ tiegħu;

(c) id-data u l-post tat-trażbord;

(d) iż-żona jew is-subżona tal-FAO tal-qabdiet inċidentali tal-SBF.

2. Fil-ħin tat-trażbord, il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni għandu jinforma lill-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment b'dawn li ġejjin:

(a) il-prodotti u l-kwantitajiet tal-SBF involuti;

(b) id-data u l-post tat-trażbord;

(c) l-isem, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-bandiera tal-bastiment tal-ġarr li jkun qed jirċievi l-konsenja, u n-numru tiegħu fir-reġistru tal-bastimenti tas-CCSBT li huma awtorizzati biex jirċievu t-trażbordi;

(d) il-kodiċi alfa-3 taż-żona jew tas-subżona tal-FAO tal-qabdiet tal-SBF.

*Artikolu 17*
*Dikjarazzjoni tat-trażbord tas-CCSBT*

1. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni involut fi trażbord tal-SBF għandu jimla u jibgħat lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu d-dikjarazzjoni tat-trażbord tas-CCSBT, flimkien man-numru tagħha fir-reġistru tal-bastiment tas-sajd tas-CCSBT.

2. B'deroga mill-Artikolu 22(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, id-dikjarazzjoni tat-trażbord tas-CCSBT għandha tiġi trażmessa lill-Istat Membru tal-bandiera mhux aktar tard minn 15-il jum wara t-trażbord.

*Artikolu 18*
*Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS)*

1. Meta l-Kummissjoni tirċievi talba minn membru tal-Kummissjoni Estiża jew minn xi ħadd li jikkoopera li mhuwiex membru tagħha biex tipprovdi *data* tal-VMS dwar bastiment tas-sajd tal-Unjoni dwar inċident li jikkonċerna bastiment tas-sajd speċifiku tal-Unjoni suspettat li opera bi ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tas-CCSBT, il-Kummissjoni għandha tibgħatha mingħajr dewmien lill-Istat Membru rilevanti.

2. L-Istat Membru tal-bandiera ta' dak il-bastiment għandu jinvestiga l-inċident u jipprovdi dettalji tal-investigazzjoni lill-Kummissjoni li għandha tibgħat mingħajr dewmien l-informazzjoni lill-membru jew lil xi ħadd li jikkoopera li mhuwiex membru li jkun talab id-*data* tal-VMS.

3. L-Istati Membri tal-bandiera ta' bastimenti li jkunu għamlu qabda inċidentali tal-SBF f'sena partikolari għandhom jipprovdu r-Rapport sommarju annwali tal-VMS għal dik is-sena lill-Kummissjoni 6 ġimgħat qabel il-laqgħa tal-Kumitat ta' Konformità tas-CCSBT sabiex jintbagħat lis-Segretarjat tas-CCSBT.

*Artikolu 19*
*L-inklużjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni fl-abbozz tal-lista ta' bastimenti IUU tas-CCSBT*

1. Fejn il-Kummissjoni tirċievi notifika mis-Segretarjat tas-CCSBT dwar l-inklużjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni fl-abbozz tal-lista ta' bastimenti IUU tas-CCSBT, hija għandha tibgħat in-notifika, inkluż l-evidenza ta' sostenn u kwalunkwe informazzjoni dokumentata oħra pprovduta mis-Segretarjat tas-CCSBT, lill-Istat Membru tal-bandiera għall-informazzjoni u l-kummenti. Il-Kummissjoni għandha teżamina u tibgħat l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru tal-bandiera relatata mal-inklużjoni tal-bastiment fl-Abbozz tal-lista ta' bastimenti IUU tas-CCSBT lis-Segretarjat tas-CCSBT mill-inqas 6 ġimgħat qabel il-laqgħa tal-Kumitat ta' Konformità tas-CCSBT.

2. Ġaladarba jkunu ġew notifikati mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien lis-sid tal-bastiment tas-sajd bl-inklużjoni tiegħu fl-Abbozz tal-lista ta' bastimenti IUU tal-CCSBT u bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw mill-inklużjoni eventwali tiegħu fil-lista ta' bastimenti IUU adottata mis-CCSBT.

*Artikolu 20*
*Allegat status ta' nuqqas ta' konformità rrapportat mis-Segretarjat tas-CCSBT*

1. Jekk il-Kummissjoni tirċievi xi informazzjoni mingħand is-Segretarjat tas-CCSBT li tindika l-possibbiltà ta' status ta' nuqqas ta' konformità, min-naħa ta' Stat Membru, mal-Konvenzjoni u/jew mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tas-CCSBT, il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat mingħajr dewmien.

2. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar is-sejbiet ta' kwalunkwe investigazzjoni li ssir b'rabta mal-possibbiltà ta' status ta' nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe azzjoni li tittieħed biex tindirizzaha, mill-inqas 8 ġimgħat qabel il-laqgħa annwali tal-Kumitat ta' Konformità tas-CCSBT.

*Artikolu 21*
*Punti ta' kuntatt u allegat ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tas-CCSBT wara spezzjoni fil-port minn membru tas-CCSBT*

1. L-Istati Membri tal-port għandhom jagħżlu punt ta' kuntatt fejn jistgħu jirċievu r-rapporti dwar l-ispezzjonijiet tal-portijiet mingħand il-membri tas-CCSBT.

2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla tal-punt ta' kuntatt magħżul, mill-inqas 21 jum qabel ma jsiru effettivi l-bidliet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tas-CCSBT mill-inqas 14-il jum qabel ma jsiru effettivi tali tibdiliet.

3. Jekk il-punt ta' kuntatt iddeżinjat minn Stat Membru jirċievi rapport ta' spezzjoni minn Parti Kontraenti jew minn Membru tas-CCSBT li jipprovdi evidenza li bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' dak l-Istat Membru jkun wettaq ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-CCSBT, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jinvestiga minnufih il-ksur allegat u għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-istatus tal-investigazzjoni, u bi kwalunkwe azzjoni ta' infurzar li setgħet ittieħdet sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tinforma lis-Segretarjat tal-CCSBT fi żmien tliet xhur minn meta tkun irċeviet in-notifika mill-Istat Membru.

4. Jekk l-Istat Membru ma jistax jipprovdi lill-Kummissjoni rapport dwar l-istatus fi żmien sitt xhur minn meta jkun irċieva r-rapport tal-ispezzjoni, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu ta' sitt xhur, bir-raġunijiet għaliex u dwar id-data sa meta jkun se jiġi ppreżentat ir-rapport tal-istatus. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-informazzjoni dwar l-istatus jew dwar id-dewmien tal-investigazzjoni lis-Segretarjat tal-CCSBT mingħajr dewmien.

*Artikolu 22*
*Rapportar ta' kull xahar dwar il-qabdiet inċidentali*

L-Istati Membri tal-bandiera li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom ikunu qabdu l-SBF b'mod inċidentali, għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni fil-15-il jum ta' kull xahar għall-qabda inċidentali tax-xahar ta' qabel f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. L-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata lill-Kummissjoni għandha tinkludi wkoll kwalunkwe skartar u informazzjoni dwar jekk il-qabda inċidentali skartata kinitx ħajja u vigoruża, moribonda jew mejta u l-qabda inċidentali kumulattiva totali tal-SBF għas-sena. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tas-CCSBT sa mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' kull xahar.

*Artikolu 23*
*Rapportar annwali*

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sitt ġimgħat qabel il-laqgħa annwali tal-Kumitat ta' Konformità tas-CCSBT:

   (a) id-dettalji dwar kwalunkwe awditu mwettaq f'konformità mal-Artikolu 12 biex tiġi vvalidata l-informazzjoni li tinsab fid-dokumentazzjoni tas-CDS;

   (b) il-kwantitajiet u l-perċentwal tal-SBF trażbordati fil-port matul l-istaġun tas-sajd preċedenti u l-lista tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jkunu ttrażbordaw fil-port matul l-istaġun tas-sajd preċedenti;

   (c) l-Istati Membri tal-bandiera li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom ikunu għamlu qabda inċidentali tal-SBF għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni

dwar il-qabdiet inċidentali annwali għas-sena f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, inkluż kwalunkwe skartar u informazzjoni dwar jekk il-qabda inċidentali skartata kinitx ħajja u vigoruża, moribonda jew mejta, u r-Rapport sommarju annwali tal-VMS.

*Artikolu 24*
*Kunfidenzjalità*

Minbarra l-obbligi stipulati fl-Artikolu 112 u 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw it-trattament kunfidenzjali ta' rapporti u messaġġi elettroniċi trażmessi lejn u riċevuti mingħand is-Segretarjat tad-CCSBT.

*Artikolu 25*
*Delega tas-setgħa*

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jemendaw jew li jissupplimentaw dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 26 fir-rigward ta' miżuri adottati mis-CCSBT fl-oqsma li ġejjin:

(a) is-sajd għall-SBF mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni tal-Artikolu 4;

(b) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-inklużjoni ta' bastiment fir-Reġistru tal-Bastimenti tas-CCSBT fl-Artikolu 5;

(c) il-limiti ta' żmien jew il-perjodi relatati mar-rapportar għall-formoli tat-tikkettar tal-qabdiet stabbiliti fl-Artikolu 7(3), iż-żamma tad-dokumenti tas-CDS stabbilita fl-Artikolu 14(2), it-trażmissjoni tan-notifiki u tad-dikjarazzjonijiet tat-trażbord stabbiliti fl-Artikolu 16(1), it-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-Kumitat ta' Konformità tas-CCSBT dwar il-lista ta' bastimenti IUU u r-rapporti ta' investigazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(1) u fl-Artikolu 20(1), it-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar il-punt ta' kuntatt għall-ispezzjonijiet fil-port stabbilita fl-Artikolu 21(2), it-trażmissjoni tar-rapport dwar il-qabdiet inċidentali stabbilita fl-Artikolu 22, u l-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapporti stabbilita fl-Artikolu 23(1).

2. L-atti delegati li jemendaw jew li jissupplimentaw dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom ikunu strettament limitati għall-implimentazzjoni fid-dritt tal-Unjoni ta' emendi għall-miżuri tas-CCSBT.

*Artikolu 26*
*Eżerċitar tad-delega*

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 25 għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 25 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti deżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 25 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 27*
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |